DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 134/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 72/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi proċeduri għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ([2]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 75/2010 ([3]).

(3) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni omoġenea tar-Regolament (UE) Nru 72/2010 madwar iż-Żona Ekonomika Ewropea kollha, l-Anness XIII għandu jiġi emendat sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Punt 66hc (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 72/2010) tal-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-adattament eżistenti għandu jiġi nnumerat bħala adattament (a).

2. L-adattament li ġej għandu jiżdied wara l-adattament (a):

"(b) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 6(2):

'Fl-ispezzjonijiet rispettivi, il-Kummissjoni tista' ssejjaħ lill-awdituri nazzjonali elenkati mill-Istati EFTA u l-Awtorità tas-Sorveljanza għall-EFTA tista' ssejjaħ lill-awdituri nazzjonali elenkati mill-Istati Membri tal-UE.

Fl-ispezzjonijiet rispettivi, il-Kummissjoni u l-Awtorità tas-Sorveljanza għall-EFTA jistgħu jistiednu lil xulxin biex jipparteċipaw bħala osservaturi.' "

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 270, 4.10.2012, p. 37.
([2]) ĠU L 23, 27.1.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 244, 16.9.2010, p. 32.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.